

## **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: B2 Energy s.r.o.

Konvenut: Odvolací finanční ředitelství

## **Domanda preliminari**

L-Artikolu 138(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE<sup>(1)</sup> tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud għandu jiġi interpretat fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tad-9 ta' Diċembru 2021 Kemwater ProChemie (C-154/20, EU:C:2021:989), fis-sens li talba għal eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) fil-każ tal-provvista ta' oġġetti lil Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea għandha tigħi rrifutata mingħajr ma l-awtoritajiet tat-taxxa jkollhom bżonn jipprodu l-prova li l-fornitur tal-merkanzija kien involut fi frodi tal-VAT, īdarba dan il-fornitur naqas milli jipprodu l-prova tal-kunsinna tal-merkanzija lil destinatarju spċificu fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni li għandu l-kwalità ta' persuna taxxabbi spċifikata fid-dokumenti tat-taxxa, anki jekk, fid-dawl tal-fatti tal-każ u l-informazzjoni pprovduta mill-persuna taxxabbi, hemm data disponibbi sabiex jiġi vverifikat li d-destinatarju attwali fl-Istat Membru l-ieħor tal-Unjoni fil-fatt kellu dik il-kwalità?

<sup>(1)</sup> ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.

## **Rikors ippreżentat fl-4 ta' Novembru 2022 – Il-Kummissjoni Ewropea vs L-Irlanda**

**(Kawża C-679/22)**

(2023/C 45/14)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

## **Partijiet**

Rikorrent: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: U. Małecka, L. Malferrari, E. Manhaeve, L. Armati, aġenti)

Konvenut: L-Irlanda

## **Talbiet**

Ir-riktorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġogħobha:

- tiddikjara li, billi naqset milli tadotta l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi (kollha) neċċesarji sabiex tikkonforma mad-Direttiva (UE) 2018/1808<sup>(1)</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE<sup>(2)</sup> dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjobiżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awđoviżiva) fid-dawl ta' realtajiet tas-suq li qed jinbiddlu, jew, fi kwalunkwe każ, billi naqset milli tikkonfahom lill-Kummissjoni, l-Irlanda naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 2 tad-Direttiva;
- tordna lill-Irlanda tħallas lill-Kummissjoni somma f'daqqa bbażata fuq ammont ta' kuljum ta' EUR 5 544,9 kuljum fejn is-somma f'daqqa minima tkun ta' EUR 1 376 000;
- jekk in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat fil-paragrafu 1 baqa' għaddej sad-data tal-għoti tas-sentenza f'din il-proċedura, tikkundanna lill-Irlanda tħallas lill-Kummissjoni pagamenti ta' penalità ta' EUR 33 257,2 kuljum mid-data tas-sentenza f'din il-proċedura sad-data tal-konformità mal-obbligi tagħha taħt id-Direttiva; u
- tikkundanna lill-Irlanda għall-ispejjeż.

## **Motivi u argumenti prinċipali**

Id-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjobiżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awđoviżiva) fid-dawl tal-iż-żviluppi tar-realrajiet tas-suq. Kemm id-Direttivi tal-2010 kif ukoll tal-2018 jarmonizzaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tikkonċċera l-midja awdjobiżiva – ix-xandiriet televiżivi tradizzjonali u s-servizzi fuq talba. Id-Direttiva tal-2018 tipprevedi regoli għat-tiswir tal-iż-żviluppi teknoloġiċi u toħloq kundizzjonijiet ekwi għall-midja awdjobiżiva emerġenti.

Permezz ta' ittra tal-20 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni indirizzat ittra ta' intimazzjoni f'ċirkustanzi fejn il-Kummissjoni ma kienet irċeviet l-ebda komunikazzjoni mill-Irlanda dwar l-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet neċċessarji sabiex tikkonforma mad-Direttiva. Permezz ta' ittra tat-23 ta' Settembru 2021, fl-assenza ta' kwalunkwe komunikazzjoni ulterjuri dwar it-traspożizzjoni tad-Direttiva, il-Kummissjoni bagħtet opinjoni motivata lill-Irlanda. Madankollu, il-miżuri ta' traspożizzjoni għadhom ma ġewx adottati mill-Irlanda u, fi kwalunkwe każ, ma ġewx ikkomunikati lill-Kummissjoni.

(<sup>1</sup>) ĠU 2018, L 303, p. 69.

(<sup>2</sup>) Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjobiżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjobiżiva) (ĠU 2010, L 95, p. 1, rettifica fil-ĠU 2010, L 263, p. 15).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn Nejvysshí soud (Ir-Repubblika Ċeka)  
fil-15 ta' Novembru 2022 – RegioJet a. s., STUDENT AGENCY k.s. vs České dráhy, a.s., Správa  
železnic, státní organizace, Česká republika, Ministerstvo dopravy**

(Kawża C-700/22)

(2023/C 45/15)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

### Qorti tar-rinviju

Nejvysshí soud

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Appellanti: RegioJet a. s., STUDENT AGENCY k.s.

Appellati: České dráhy, a.s., Správa železnic, státní organizace, Česká republika, Ministerstvo dopravy

### Domanda preliminari

L-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li, fi proċeduri mibdija fuq talba ta' terz (kompetituri), qorti nazzjonali hija marbuta li tordna lill-benefiċjarju jħallas lura l-għajnuna mogħtija bi ksur ta' din id-dispożizzjoni, anki jekk (fid-data tad-deċiżjoni tal-qorti) ikun laħaq skada l-perijodu ta' preskrizzjoni li fih il-Kummissjoni setgħet teżerċita s-setgħat tagħha sabiex tirkupra l-għajnuna bis-saħħa tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (<sup>1</sup>), u li minħabba f'hekk l-għajnuna mogħtija titqies li hija għajnuna eżistenti fis-sens tal-Artikolu 1(b)(iv) u tal-Artikolu 17(3) tal-imsemmi regolament?

---

(<sup>1</sup>) ĠU 2015, L 248, p. 9.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Najwyższy (il-Polonja) fit-18 ta' Novembru 2022 –  
Advance Pharma sp. z o.o. vs Skarb Państwa – Główny Inspektor Farmaceutyczny**

(Kawża C-711/22)

(2023/C 45/16)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

### Qorti tar-rinviju

Sąd Najwyższy

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Advance Pharma sp. z o.o.

Konvenut: Skarb Państwa – Główny Inspektor Farmaceutyczny